**30 ta' Marzu, 1963**

**Imħallef:**

**Onor. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Lorenzo Baldacchino

**Korruzzjoni ta' minorenni — Kompliċità — Korroborazzjoni — Art. 635 (3), Kod. Krim. — Korruzzjoni ta' persuna korrotta — Komportament tax-xhud.**

*Il-minorenni li tagħhom tiġi allegata l-korruzzjoni ma humiex kompliċi.*

*Il-kompliċità jeħtieġ li tkun fl-istess reat li jkun addebitat lill-imputat.*

*Il-korroborazzjoni trid tkun tali illi tikkonnetti l-imputat mad-delitt u timplikah fih.*

*Il-kompliċi jista' jiġi korroborat anki bl-istess dikjarazzjonijiet ta' l-imputat.*

*Il-persuna korrotta għandha d-dritt illi ma tiġix ulterjorment korrotta, u ħadd ma għandu d-dritt li impunement jispinġiha aktar fit-triq tal-korruzzjoni, jew jimpedilha l-possibilità tar-riġenerazzjoni.*

*Il-komportament ("demeanor") tax-xhud huwa fattur importanti ta' kredibilità.*

Bis-sentenza tagħha tat-tmienja *(8)* ta' *Frar* 1963, *il-*Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta sabet lill-imsemmi

Baldacchino ħati talli f'dawn il-Gżejjer fit-tnax (12) il- xahar qabel il-proċediment biex jissoddisfa ż-żina ta' ħaddieħor, ħajjar għall-*prostituzzjoni*, jew eċċita l-korruzzjoni, jew għen jew iffaċilita l-prostituzzjoni jew korruzzjoni ta' Consiglia Mifsud, ta' sbatax (17) il-sena u Mary Sammut, ta' tmintax (18) il-sena, imma li, f'dak iż-żmien, kienet taħt l-età, u kkundannatu *għall-piena tal-lavuri forzati* għal żmien sentejn;

L-imputat appella, u talab li dik is-sentenza tiġi revokata, u li hu jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

L-aggravji, kif riportati fir-rikors tal-appell, u kif esposti *fid-dibattitu* quddiem din il-Qorti, huma dawn — fil-kliem stess tar-rikors — (1) l-ewwel Qorti aċċettat biss il-versjoni li taw Consiglia Mifsud, Mary Sammut, u Giuseppe Meilak, u skartat għal kollox ix-xhieda tal-imputat u *tax-xhieda minnu* prodotti u qalet li l-akkuża ġiet ampjament provata, mentri kien imessha waslet għall-konklużjoni kuntrarja mill-eżami tal-*provi* kollha, għax ix-xhieda ta' Consiglia Mifsud, ta' Mary Sammut, u ta' Giuseppe Meilak, ġew kontradetti mix-xhieda tal-appellant, li innega assolutament il-fatti lilu imputati, u kien korroborat mix-xhieda ta' Giuseppe Mifsud u ta' Amabile Vella;

(2) ix-xhieda Consiglia Mifsud u Mary Sammut (mill-liema, din l-aħħar *tagħmel dak li tgħidilha Mifsud*) u Giuseppe Meilak, huma **kompliċi**, u ma ġewx korroborati, u għalhekk ma hemmx prova legali tal-imputazzjoni;

(3) sussidjarament, il-piena hija eċċessiva, għaliex. fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ma kienitx ġustifikata l-applikazzjoni

tal-maximum tal-piena;

Ikkunsidrat fuq dawn il-gravami kif dedotti, —

Il-minorenni, li tagħhom f'dawn il-każijiet tiġi allegata l-korruzzjoni, **ma humiex kompliċi**, skond dak li diġà ġie stabbilit mill-ġurisprudenza in materja (ara Appell Kriminali, Pul. vs. Carmelo Grech, 18 Ġunju 1960, u, qabel, Pul. vs. Goldstein, 23 Frar 1957). Għalhekk fil-każ preżenti, la Consiglia Mifsud, u lanqas Mary Sammut, ma jistgħu jitqiesu kompliċi, u, per konsegwenza, ma japplikax għalihom id-dispost tal-art. 635 (3), Kod. Krim.

Ġie rilevat mid-difiża, a skreditu ta' dawk iż-żewġ xhieda. li huma ta' kondotta riprovevoli. Iżda, dawn il-Qorti dejjem segwew il-prinċipju san illi anki l-persuna korrotta għandha d-dritt li ma tiġix ulterjorment korrotta, u ħadd ma għandu d-dritt li impunement jispinġiha aktar fit-triq tal-korruzzjoni, jew jimpedilha l-possibilità tar-riġenerazzjoni (App. Krim. Pul. vs. Grech fuq ċitat). Jiġi anki osservat li, trattandosi ta' din ix-xorta ta' reati, min jikkommettihom, ma hux probabili, ossija verosimili, li jfittex xi soġġetti passivi ta' kondotta illibata, imma aktarx li jiddiriġi l-attività kriminusa tiegħu versu persuni skostumati jew li verosimilment jippjegaw ruħhom għal dak li hu jkollu fi ħsiebu.

Kwantu għal Consiglia Mifsud, id-difiża osservat li dina għamlet ir-rapport tal-fatt lil Pulizija meta kienet eċċitata għax għejret għal missierha Giuseppe Mifsud peress li ħasbet li l-imputat qed javviċinalu xi nisa. Il-Qorti tirrileva li, rarament, ir-rapporti lill-Pulizija jsiru għal xi skop nobili ta' interess pubbliku, u, fil-maġġor parti tal-każijiet, dak li jirrapporta jkun qed jirreaġixxi għal xi ħaġa li, fin-nuqqas tagħha. talvolta hu kien iżomm il-fatt mistur, — iżda, b'daqshekk, ma jiġix imfisser li l-fatt, minnu rapportat, ikun falz. — Kontra din

ix-xhud *Consiglia Mifsud* issemmiet anki l-ittra esibita Dok. "X". — Din il-Qorti qegħda tassumi dak li allegat id-difiża li, cioè, din l-ittra nkitbet minn *Consiglia Mifsud*, — iżda, kif sewwa rriteniet l-ewwel Qorti, l-inferenza deduċibili minn dik l-ittra ma hijiex li Consiglia Mifsud kienet qegħda tixhed il-falz, imma pjuttost turi li l-imputat kien qed jagħmel tentativi biex hi u Sammut ivarjaw ix-xhieda tagħhom, u Mifsud kienet qegħda tesiġi prezz. Din ix-xhud qalet li, waqt il-kawża stess, l-imputat kien talabha biex ma taħqrux, u li hu ta xi ħaġa żgħira tal-flus. L-imputat qal li hu ta xi flus lilha u lil ommha għaliex, qal hu, huma foqra, iżda ma tantx tiftiehem ġenerożità anki ta' ftit entità lil min ikun qiegħed jakkużah, — kif qed jallega l-imputat, — *falzament*.

Lanqas hu traskurabili l-fatt li l-ewwel Qorti kienet impressjonata *bil-mod* serju u sod li bih xehdet din Consiglia. kif hemm rikordat fis-sentenza stess. Ma hemmx bżonn jingħad li l-komportament tax-xhud (**demeanour**) hu fattur importanti ta' kredibilità (ara **Powell**, On Evidence, p. 505), u kien, għalhekk, li ingħad mill-Qrati Ingliż, segwiti anki mill-*Qrati tagħna, illi* "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu għaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination". Għalhekk, kontra l-imputat hemm oltre dak li sejjer jingħad, *dawn iż-żewġ* xhidiet li ma ġewx bl-ebda mod żvalorizzati, u li jassodaw pjenament l-imputazzjoni;

Ikkunsidrat:

*Kwantu* għax-xhud Meilak, dan ma hux lanqas proprjament kompliċi, għaliex il-kompliċità teħtieġ li tkun **fl-istess reat,** li jkun addebitat lill-imputat, li *ma* hux il-każ. Iżda, anki kieku, biex wieħed jillarġeġġja, dan Meilak kellu jitqies tali ix-xhieda tiegħu tinsab korroborata mix-xhidiet ta' Consiglia

Mifsud u Mary Sammut. Din il-korroborazzjoni hi fis-sens stabbilit mill-ġurisprudenza u d-dottrina, ċioè tali li tikkonnetti l-imputat mad-delitt u timplikah fih (ara sent. ta' din il-Qorti, kolleġjalment kostitwita Rex. vs. Bezzina et, 18 Nov. 1944, Vol. XXXII, iv, p. 582 — ara wkoll **Archbold** p. 473, — **Cross & Jones,** Crim. Law p. 299-300, — u **Kenny,** Outlines of Crim. Law pp. 459-460).

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti hi wkoll ta' fehma li d-dikjarazzjonijiet tal-imputat, sija fl-istatement tiegħu bil-miktub li hemm fil-proċess, mhux kontrastat minnu, hemm ukoll fix-xhieda tiegħu, jikkoroboraw, huma stess, tant lil Consiglia Mifsud u lil Mary Sammut, hemm anki lil Meilak, anki kieku dan kellu jitqies kompliċi. Ma hemmx bżonn jingħad li l-kompliċi jista' jiġi korroborat, għall-finijiet tal-kliem "korroborat **b'ċirkostanzi oħra**", li hemm fl-art. 635 (3) fuq ċitat, anki bl-istess dikjarazzjonijiet tal-imputat. Jgħid opportunament il-**Harris** (Principles and Practice of the Crim. Law by Wilshere, p. 452) —

> "There may be corroboration in the prisoner's own evidence and in the circumstances of the case and his own conduct".

Fl-istatement tiegħu fol. 9 et seq., l-imputat qal li Consiglia Mifsud, Mary Sammut u Giuseppe Meilak kienu qegħdin jigdbu fuqu, iżda hu qal ukoll li ma jafx il-għaliex qegħdin jagħmlu hekk, — u preċiżament ma rriżulta ebda motiv il-għaliex dawn it-tlieta kellhom jagħmlu, kif qed jallega l-imputat, din il-konġura kontra tiegħu.

Hu ammetta wkoll li kien ħa, fil-flat tiegħu l-Belt Strada San Paolo, ritratt ta' dawk iż-żewġ xebbiet. Huma qalu li ried jieħdilhom dan ir-ritratt **puris naturalibus,** imma **huwa,** fix-

xhieda tiegħu fol. 40, ammetta li ħa r-ritratt, iżda, kwantu għaċ-ċirkostanza l-oħra, *ittrinċera ruħu wara l-formula kommoda ta' li żmemoratezza*, u qal li **ma jafx** li qatt sar xi diskors "biex ir-ritratti jsiru mingħajr ħwejjeġ" — L-imputat ammetta wkoll li hu mar ma' Giuseppe Mifsud, missier Consiglia Mifsud, u maż-żewġ xebbiet in kwistjone, biex, kif qal hu, "jimpjegahom" ma' Giuseppe Meilak. Dawn iż-żewġ xebbiet kienu ġà impjegati fil-fabbrika tas-sulfarini u Meilak kellu diġà post fejn joqgħod, — intant ġie magħmul dan irranġament, *li bih l-imputat kera flat tiegħu lil* Meilak b'rigal u erba' (4) liri fix-xahar, — flat li fih Meilak qatt ma mar joqgħod, — daħħallu miegħu bħala supposti sefturi lil dawk iż-żewġ xebbiet, — ġie mdaħħal Giuseppe Mifsud bħala bajjad, u l-imputat stess kien imur f'dan il-flat, imma jgħid li kien imur biex jara x-xogħol, li kien qed jagħmel Giuseppi Mifsud. — Issa, din it-trama laska tiftiehem kollha meta wieħed iżid li Giuseppi Mifsud kien proprju dak li, skond l-istess xhieda tal-imputat fol. 38, kien ġieli ftaħar mal-imputat stess li kien "jiċċajta" mat-tifla tiegħu Connie (ċioè x-xhud Consiglia), u għalhekk li l-mara kienet tgħir għalih. Fil-fatt jirriżulta **aliunde** li dan Mifsud kien ikollu relazzjonijiet karnali kontinwament mal-ħabiba tat-tifla tiegħu ċioè ma Mary Sammut. U l-istess imputat, f'parti sinifikativa tal-istatement tiegħu, jgħid fol. 9 — b'riferenza għal xi żmien qabel ir-ranġament ma' Meilak —

> "*F'dan iż-żmien jien, Giuseppi, Mary* u *Consiglia, morna* fi flats tiegħi Bishop Caruana Street l-Imsida, u lil Mary qabbatha taħsel il-flats **fejn marret ma' Giuseppi,** u jien bqajt fil-flat ta' isfel ma' Consiglia li bdiet tnaddaf isfel".

Imbagħad jgħid kiiem li, għal portata tagħhom tapplika tajjeb il-frażi "inteligenti pauca", —

> "X'*għamel Giuseppi ma Mary ma nafx*"

*u anki hawn imbagħad jistaħba wara l-fraži evasiva solita ta' li żmemoratezza,* billi jkompli jgħid —

"Ma niftakarx jekk Giuseppi qallix li **rranġa** ma' Mary".

Minn dan li ingħad, tiftiehem ukoll kemm hi adirittura **farisaica** d-dikjarazzjoni, kontenuta fl-aħħar parti tax-xhieda tal-imputat fol. 39, fejn jgħid — "Meilak ried idaħħal lil Con-*sigħa Mifsud miegħu, iżda jien u Giuseppi Mifsud* ftehemna **biex ma jsirux abbużi,** u għalhekk ipperswadejnih joħodhom it-tnejn". — L-imputat jippretendi li xi Qorti temmen li hu u Giuseppi Mifsud riedu speċji ta' jikkustodixxu l-moralità ta' dawn iż-żewġ xebbiet, li kienu ġew maħruġin mill-impieg tagħhom mal-fabbrika tas-solfarini, — li hu u Giuseppi Mifsud, **ex confessis,** kienu jieħdu f'dawk il-flats tal-Imsida, — li kienu qegħdin jimpjegaw ma' raġel (Meilak) li ma kienx staqsa għal ebda impieg ta' sefturi, — li ġew kollokati fi flat tal-imputat, mikri għal tal-apposta lil Meilak li ma kellux bżonn ta' post fejn joqgħod, għax ġà kellu, — fejn kienu jkunu anki l-imputat u Mifsud, u fejn l-imputat ħadilhom ir-ritratt, u dan l-atteġġament ta' kustodi tal-moralità tagħhom l-imputat **nientemeno** ħadu bi ftehim ma' Giuseppi Mifsud, li **ex confessis** kien qallu li kellu konfidenza mat-tifla tiegħu stess ix-xhud Consiglia.

Din il-Qorti kellha kemm-il darba okkażjoni tgħidli, xi minn daqqiet, meta imputat jagħżel biex jixhed, ċerti varjanti fir-rakkont tiegħu, minflok jiġġjovawh, jistgħu jammontaw għal auto-inkolpazzjoni, bl-inverosimiljanza u bl-irrealità tagħhom bħal f'dan il-każ. L-istess ġie ritenut fil-ġurisprudenza ingliża (**ara** Credland v. nowler, **(1951)**, Crim. App. R. **48)**.

*Ikkunsidrat:*

L-imputat ipproduċa għad-diskariku x-xhieda, Giuseppi Mifsud u Amabile Vella.

Kwantu għal **Mifsud**, dan hu proprju dak li akkompanja lill-imputat *meta sar ir-ranġament* ma' Meilak, u li kien qal lill-imputat li kien jiċċajta max-xhud Consiglia, tifla tiegħu stess. Hu ovvju li dan ix-xhud kien preokkupat li ma jippreġudikax ruħu bix-xhieda tiegħu. Del resto, dik ix-xhieda tiegħu hi inkwinata bl-istess inversosimiljanza, li biha, fil-kwadru taċ-ċirkostanzi *riżultati*, tinsab infiċjata x-xhieda tal-appellant stess. **Inter alia**, anki hu kkoopera biex Meilak jieħu flat, li ma kellux bżonn, u li jimpjega mhux *seftura* waħda, imma *tnejn*, li Meilak ma kellux bżonn.

*Kwantu għal* **Amabile Vella**, ix-xhieda ta' dan hi għal kollox inkonklusiva u ma jirriżulta bl-ebda mod li hi relatata mal-fatti ta' dan il-proċess, — apparti l-kredibilità ta' dan ix-xhud li, kif irrikjama l-attenzjoni tal-Qorti l-Prosekutur fit-trattazzjoni orali, kien, fil-mument li għalih irriferixxa x-xhieda tiegħu, arrestat għal delitt ta' l-istess xorta a' dak attwali, u li għalih ġie kundannat fi-2 (tnejn) ta' Marzu korrenti.

Għalhekk, din il-Qorti, bħall-ewwel waħda, tirritjeni li l-każ ġie pruvat għad esuberanza.

Ikkunsidrat **fuq il-motiv subordinat tal-mitigazzjoni tal-piena, —**

**Ma** jistax ikun hemm ebda dubju li l-emendi, introdotti reċentement *fil-liġi kriminali* Maltija, f'materja ta' penoloġija, huma ferm enkomjabili, u korrettament ispirati għal konċett riformativ tal-piena, u jistgħu jkunu *ta'* ġid kbir anki għas-soċjetà, **BASTA** però li jiġu applikati fil-każijiet fejn għandhom ikunu applikati, — diversament, l-iskop tal-emendi jiġi travizat, u jiġi anki frustrat l-effett tagħhom. Hu veru wkoll

dak li qal l-insinji **Leo Page**, fil-ktieb tiegħu, "The Problem of Punishment" fis-sens li —

> "......the selection of the best treatment of an offender is a much more difficult problem than the question of his guilt".

Hu, però, ugwalment veru dak li ingħad, gap-propositu tal-kwistjoni tal-piena, fil-**Criminal Law Review,** July **1961**, p. 482 —

> "The objects which Judges commonly and properly have in mind, when imposing sentence, include not only the punishment and reformation of the offender, **but also, and perhaps predominantly, the protection of the public".**

**Mr. Justice Birkett,** f'konferenza li hu ta taħt l-awspiċji tal-Clarke Hall Society, — li hi appuntu soċjetà intiża għat-trattament riformatic tal-ħati — intitolata "Criminal Justice — Problems and Punishment" qal hekk —

> "The Court's **primary** consideration must be the welfare of the community. To fail to be severe in certain cases is to do wrong to the community and to injure its interest" (p. 27)

Dan hu aktar il-każ meta, skond Leo Page, ġà ċitat, ikun każ ta' reat li hu "so hurtful to the public" li l-Qorti għandha tħares maġġorment lejn id-dover tagħha "to protect the community" (p. 9), — u ma jistax ikun hemm dubju li x-xorta tar-reat preżenti hi ta' pjaga mill-aktar koroh.

U hu wkoll aktar il-każ meta r-reat ikun qed isir **prevalenti,** u din il-Qorti taf tajjeb mill-proċessi simili li qegħdin jiġu quddiemha li din li speċi ta' korruzzjoni qegħda testendi

ruhha. Jgħid l-istess Mr. Justice Birkett — p. 26 idem —

> "Again, where the commission of some crime has become widespread, the element of deterrence must look more to the deterrence of others than to the actual offender before the Court".

Minbarra dak li ingħad, il-Qorti wkoll irriflettit li dan il-każ ma kienx xi **lapsus** ta' darba skusabili, jew xi ċediment fugaci u momentaneu, f'ċirkostanzi aċċidentali mhux predisposti mill-imputat, imma si tratta ta' pjan meditat u organizzat deliberatament, u di più kontinwatiċ.

L-ewwel Qorti inoltre ċertament ma ħassitix rassikurata bil-fedina penali tal-imputat, li, fl-imgħoddi, kien irrenda ruhu ħati ta' korruzzjoni ta' żewġ subien minuri, u ta' stupur fuq wieħed minnhom. Dik il-fedina tikkontjeni wkoll elenku pjuttost twil ta' reati oħra, li, għalkemm mhux ta' entità serja, jiswew biex juru però r-refrattarjetà ta' l-istess imputat.

In bażi għal dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti ma hijiex preparata biex tgħid li hija tista' tikkunsidra eċċessiva jew oppressiva l-piena inflitta mill-ewwel Qorti, b'mod li tintitolaha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Maġistrat in proposito.

Għalhekk tiddeċiedi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.